Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,785, 15 ta' Frar, 2022

Taqsima B

A.L. 80 tal-2022

ATT DWAR L-INTRAPRIŻA TA' MALTA (KAP. 463)

Regolamenti tal-2022 dwar Għotja ta' Investiment Intelliġenti u Sostenibbli

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 tal-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta, il-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli, wara konsultazzjoni mal-Korporazzjoni dwar l-Intrapriża ta' Malta u bi qbil mal-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2022 dwar Għotja ta' Investiment Intelliġenti u Sostenibbli.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2021.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 463.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Intrapriża ta' Malta;

"impriża" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att;

"investiment eliġibbli" tfisser proġett li għandu jikseb l-għanijiet intelliġenti u sostenibbli hekk kif stabbilit fil-Linji Gwida;

"Korporazzjoni" tfisser l-Intrapriża ta' Malta mwaqqfa skont l-Att;

"Linji Gwida" tfisser il-linji gwida li jistgħu jiġu ppubblikati mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien skont l-Att.

Assistenza biex tappoġġja impriżi.

3. (1) Fejn il-Korporazzjoni tkun sodisfatta li l-impriża hija eliġibbli skont it-termini stabbiliti fil-Linji Gwida, il-Korporazzjoni tista' tipprovdi assistenza għat-twettiq ta' investiment eliġibbli.

(2) L-investiment eliġibbli għandu jiġi implimentat fi żmien tnax-il (12) xahar mid-data meta l-finanzjament jiġi approvat u l-benefiċjarju għandu jikkommetti ruħu li jżomm l-investiment għal minimu ta' tliet (3) snin.

Forma ta' assistenza.

4. (1) Għotja sa ħamsin elf euro (€50,000) għal kull proġett ta' investiment eliġibbli, li tkopri sa ħamsin fil-mija (50%) tan-nefqa

eliġibbli tista' tingħata mill-Korporazzjoni.

(2) Jekk il-proġett ta' investiment eliġibbli jindiriżża kriterji ta' żvilupp sostenibbli kif stabbilit fil-Linji Gwida, kreditu ta' taxxa sa għoxrin elf euro (€20,000) u li jkopri sa għoxrin fil-mija (20%) tan-nefqa eliġibbli jista' jingħata mill-Korporazzjoni.

Nefqa eliġibbli.

5. Il-Korporazzjoni tista' tassisti investimenti u modifiki f'impjant, makkinarju, tagħmir, assistenza teknika speċjalizzata u investiment f'teknoloġiji diġitali kif preskritt aktar fil-Linji Gwida.

Skadenza għas-sottomisjonijiet tal-applikazzjonijiet għal assistenza.

6. (1) Applikazzjonijiet għal assistenza għandhom jiġu sottomessi lill-Korporazzjoni sat-30 ta' Novembru 2023.

(2) Ebda assistenza ma għandha tingħata mill-Korporazzjoni taħt dawn ir-regolamenti wara l-31 ta' Diċembru 2023.